Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

# Minuti

**Data:** Il-Ħamis, 28 ta' Frar 2019

**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Ħin:** 18:30

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Anthony Mifsud - Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru

**Skużat:**
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## 18.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija

18.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ittri ta' apoloġija mibgħutha mis-Sur Joseph Cordina u s-Sur Jesmond Aquilina.

18.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġiji preżentati.

## 18.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 17

18.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 17.

18.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sa. Graziella Galea, l-Eżekuttiv approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.17.

## 18.3 Punti li joħorġu mill-minuti

| | |
|---|---|
| **18.3.1 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li ma kienx hemm żviluppi minn wara l-aħħar laqgħa. |
| **18.3.2 Health & Safety** | Il-President semma li bdew is-sessjonijiet tat-taħriġ. Il-President semma wkoll li hemm 'il fuq minn 40 Kunsill Lokali / Reġjun li applikaw. |
| **18.3.3 Sejħa għas-servizzi tal-assigurazzjoni għall-Assoċjazzjoni** | Il-President semma li wara li l-Assoċjazzjoni tkellmet tal-avukat li ta suġġeriment li nitolbu gwida lid-Dipartiment tal-Kuntratti jekk din is-sejħa tistax tiġi kkanċellata abbażi li d-dokument tas-sejħa ma kienx miktub bl-aktar mod ċar possibbli. |

**18.3.4 Eyetech**

Il-President semma l-kumpanija reġgħet bgħatet statement ta' ħlas pendenti, filwaqt li l-Assoċjazzjoni bagħtet komunikazzjoni biex terġa' tfakkar il-kumpanija li għadha qed tistenna laqgħa magħhom. Ma kien l-ebda komunikazzjoni oħra min-naħa tal-kumpanija.

**18.3.5 Sejħa għall-offerti fuq servizz ta' Traffic Management System li titratta l-Ħruġ ta' Permessi**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għadha għaddeja bil-laqgħat mad-Dipartiment tal-Kuntratti u anki ħadet parir legali ta' kif l-aħjar tmexxi fuq din il-materja. Il-President semma li possibiliment il-ġimgħa d-dieħla toħroġ is-sejħa biex tirċievi proposti.

**18.3.6 Rinovar tal-Latrini f' Żoni Turistiċi**

Il-President semma li saret laqgħa mal-Kunsilli Lokali li ser ikunu parti mill-proġett pilota. Il-President semma li ser tinżamm komunikazzjoni ma' dawk il-Kunsilli Lokali li ser jipparteċipaw fil-proġett pilota.

**18.3.8 Dr. Samuel Azzopardi talab biex jagħmel dikjarazzjoni fuq punt 17.12.5 tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 17**

18.3.8.1 Dr. Azzopardi semma li ser jagħmel dikjarazzjoni fil-kapaċita' tiegħu anki bħala Minority Leader fl-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

18.3.8.2 Dr. Azzopardi semma b'diżappunt li mill-aħħar Laqgħa tal-Eżekuttiv u anki mill-laqħat ta' Konsultazzjoni li saru mis-Segretarjat għall-Gvern Lokali kemm il-darba kien hemm referenza mill-Onor. Silvio Parnis li l-Oppożizzjoni kienet qed tiġi kkonsultata.

18.3.8.3 Dr. Azzopardi xtaq jikklarifika li fl-ebda mument l-organi tal-Partit Nazzjonalista ma kienu qed jiġġu kkonsultati. Saħaq li dan ikkonfrmah ukoll mal-Kap tal-Partit Nazzjonalista Dr. Adrian Delia.

18.3.8.4 Dr. Azzopardi ppropona u jemmen li konsultazzjoni fuq Kunsilli Lokali għandha ssir mal-membri tal-Assoċjazzjoni rappreżentanti tal-Oppożizzjoni, dan peress li huma l-Membri tal-Assoċjazzjoni li jirrappreżentaw lill-Kunsilli Lokali u lill-Kunsilliera.

18.3.4.5 Dr. Azzopardi xtaq ukoll jikklarifika li l-ebda konsultazzjoni min-naħa tal-Oppożizzjoni ma kienet saret miegħu personali, Dr. Azzopardi semma li huwa kien biss l-awtur tal-proposti preżentati mill-Oppożizzjoni, liema proposti kienu jappartjenu r-Reġjuni. Huwa żied jgħi li la l-Onor. Robert Cutajar u lanqas is-Sur Charles Bonello, li kienu qe djattendu għal-laqgħat mal-Onor. Silvio Parnis qatt ma għamlu kuntatt mal-Membri tal-Partit Nazzjonalista, fl-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni u propju għalhekk li allura ma kinex hemm konsultazzjoni mal-oppożizzjoni.

18.3.4.6 Dr. Azzopardi xtaq ukoll jikklarifika li kien hu stess li talab lil Onor. Robert Cutajar jekk jixtieqx li jkun preżenti għal-laqgħat ta' konsultazzjoni f' isem l-Oppożizzjoni. Dan wara li kien ġie nnotifikat każwalment mill-President tal-Assoċjazzjoni, is-Sur Mario Fava, fejn staqsih jekk hux ser ikun preżenti għal-laqgħa ta' konsultazzjoni li kienet ser issir mal-Oppożizzjoni. Kien hawn hekk li Dr. Azzopardi talab lil Onor. Cutajar biex jara jixtiequs li jkun preżenti. Dr. Azzoaprdi kkonferma li l-Onor. Cutajar ma sabx oġġezzjoni li jattendi għal din il-laqgħa. Kien hawn hekk li Dr. Azzopardi kellu jagħmel l-arranġamenti neċessarji peress li huwa ma kienx infurmat qabel u kellu saħansitra jitlob lill-Viċi President tar-Reġjun Għawdex biex imexxi l-laqgħa tar-Reġjun sabiex Dr. Azzopardi jkun jista' jattendi għal din il-laqgħa ta' konsultazzjoni li kienet saret il-Parlament.

18.3.4.7 Dr. Azzopardi semma li huwa kien jiġi nfurmat bil-laqgħat ta' konsultazzjoni, każwalment mis-Sur Fava peress li s-Sur Fava kien rappreżentant fuq il-Board tar-Riforma.

18.3.4.8 Dr. Azzopardi ikkonferma li l-aħħar laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Oppożizzjoni saret nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Frar 2019, li kien ukoll infurmat mis-Sur Fava rigward din il-laqgħa. Dr. Azzopardi semma li dakinhar l-Onor. Cutajar bgħat kommunikat lil Dr. Azzopardi wara l-laqgħa li kienet saret biex jinfurmah li ma xtaqx joqgħod jaqgħilu biex jattendi.

18.3.4.9 Dr. Azzopardi għamilha ċara li dak kollu li jaf jafu għax ġie diskuss waqt l-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni u fl-ebda stanza ma' kien ikkonsultat personalment fuq dak li kien qed jiġi deċiż mill-Oppożizzjoni.

18.3.4.10 Dr. Azzopardi talab li din il-komunikazzjoni għandha tiġi kkomunikata wkoll lill-Gvern, fejn għandu jiġi notifikat li l-Oppożizzjoni ma kinitx qed tiġi kkonsultata fid-dawl ta' dak kollu spjegat aktar 'l fuq.

18.3.4.11 Is-Sur Fava jikkonferma dak kollu li qal Dr. Azzopardi.

18.3.4.12 Is-Sur Fava semma li hu ma marx għall-aħħar laqgħa minħabba li kellu impennji familjari u wara ried ukoll jitla' Għawdex għal-Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni.

18.3.5.13 Is-Sur Fava semma li jidher li kif issuċċedew l-affarjiet anki waqt il-Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni li saret fi Frar 2019, Onor. Cutajar ta x' wieħed jifhem li kien qed jikkonsulta internament mal-Partit tiegħu. Kien għalhekk li l-Onor. Parnis emmen li l-Oppożizzjoni kienet qed tiġi kkonsultata.

18.3.5.14 Is-Sur Fava semma li fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.17 kien hemm approvazzjoni unanima mill-Eżekuttiv fejn din anki ġiet ikkomunikata mill-President fejn l-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni għandu jżomm il-mandat li kiseb fl-Elezzjoni li kienet saret f' Settembru 2017. Komunikazzjoni annessa u mmarkata bħala DOK A.

18.3.5.15 Wara li Membri tal-Eżekuttiv staqsew x'inhi l-proposta li qed tiġi imresqa Kabinett. Is-Sur Fava semma li bi qbil mal-Oppożizzjoni ser ikun hemm is-Sitt Reġjun, qed jiġi propost ukoll li f'Ottubru 2019 issir l-Elezzjoni għas-sitt Presidenti Reġjonali, President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u anki għall-erba' Membri Ordinarji fl-Eżekuttiv. Kien hemm ukoll qbil li l-President Reġjonali m'għandux ikun la Sindku u lanqas Kunsillier.

18.3.5.16 Dr. Michael Fenech Adami semma li huwa jixtieq ukoll kjarifika aktar ċara ta' x' qed ikun propost li ser ikun l-irwol tal-President Reġjonali.

18.3.5.17 Is-Sur Anthony Mifsud daħal għal-laqgħa 18:30

18.3.5.18 Is-Sur Fava xtaq ukoll jiddikjara li l-ebda President Reġjonali li jirrappreżenta l-Partit Laburista m' għandu informazzjoni oltre għajr dik li kinet qed tiġi kkomunikata waqt l-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni.

18.3.5.19 Dr. Azzopardi semma li hija gravi li Elezzjoni titħassar b' emenda fil-liġi. Semma wkoll li l-Gvern qed jagħmel preċedent ikrah fejn qed imiss ma' Elezzjoni u li ser ikun qed ineħħi dan il-mandat b' emenda Kostituzzjonali. Dr. Azopardi semma li hemm ksur tal-liġi Kostituzzjoni. Dr. Azzopardi talab li għandu jkun hemm parir tal-Kummissjoni Elettorali.

18.3.5.20 Is-Sur Michael Fenech Adami għamel referenza għal-laqgħa li ser tkun organizzata mis-Segretarjat fil-preżenza tal-Board tar-Riforma kif ukoll il-Presidenti Reġjonali li ser issir nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu 2019. Is-Sur Fenech Adami ssuġġerixxa li għandu jkun hemm ukoll il-preżenza tal-Membri Ordinarji tal-Assoċjazzjoni.

18.3.5.21 Fuq proposta ta' Dr. Azzopardi, l-Eżekuttiv qabel li din id-dikjarazzjoni li saret waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 18 għandha tiġi kkkomunikata malOnor. Silvio Parnis u ul-Onor. Robert Cutajar.

**18.4 Laqgħa Plenarja Frar 2019 – Rispons u Konklużjonijiet**

18.4.1 Il-President semma li kienet l-aħħar Laqgħa Plenarja qabel l-Elezzjonijiet ta' Mejju li ġej.

18.4.2 Il-President semma li r-rispons kien wieħed tajjeb.

**18.5 Preżentazzjoni ta' kwotazzjonijiet miġbura għall-filmat tal-AKL**

18.5.1 Is-Segretarja preżentat il-kwotazzjonijiet miġbura.

18.5.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva li l-Assoċjazzjoni għandha tmur għall-orħos sejħa li kienet ġiet sottomessa.

**18.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-offerti fuq is-Sejħa għall-qbid tal-Ħamiem**

18.6.1 Il-President semma li s-sejħa kienet għalqet u li kienu daħlu żewġ offerti.

18.6.2 Il-President semma li fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jitlob lill-Board tal-Evalwazzjoni, lil Dr. Samuel Azzopardi, is-Sur Joe Cordina u Chev. Paul Farrugia biex jikkonkludu l-Evalwazzjoni.

**18.7 Preżentazzjoni ta' Sistema Diġitali tad-Data u l-Informazzjoni li l-AKL ser tkun qed tintroduċi**

18.7.1 Il-President semma li kien beda komunikazzjoni ma' IDEA Malta biex jara l-possibbilita' li wieħed jaħdem fuq immaniġjar aħjar ta' informazzjoni, kif ukoll l-użu ta' databses biex tiżdied l-effiċjenza li biha taħdem l-amministrazzjoni tal-Assoċjazzjoni.

18.7.2 Il-President semma li din mhix sistema li ssir mil-lum għall-għada u li ser tkun qed maqsuma f' diversi fażijiet.

18.7.3 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-eżekuttiv approva l-proposta.

**18.8 Preżentazzjoni tar-Risk Assessment tal-Binja tal-Assoċjazzjoni**

18.8.1 Il-President semma li s-Segretarja ħadet ħsieb li issir r-Risk Assessment minn persuna kompetenti.

18.8.2 Il-President preżenta r-reġistru li ġie kompost.

18.8.3 Il-President semma li kienu biss affarjiet żgħar li kien hemm rimarki fuqhom. Semma li intefgħet importanza fuq li m'hemmx aċċess għall-persuni b' diżabilita' u li għandu jsir lift.

**18.9 Bus Shelters**

18.9.1 il-President semma li hemm madwar 500 applikazzjoni ta' Bush Shelter ġdid.

**18.10 Kommunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **18.10.1 FAR** | Is-Segretarja preżentat lista ta' oġġetti biex ikunu jistgħu jintremew. L-Eżekuttiv approva l-lista preżentata. Lista annessa u mmarkata bħala DOK B. |
| **18.10.2 Kwotazzjoni għal sejħa ta' servizz ta' Accountant** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet irċeviet l-offerti għas-sejħa. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva li l-Assoċjazzjoni għandha tmur għall-orħos offerta preżentata. |
| **18.10.3 Ħsarat fuq Bus Shelters** | Il-President semma li minħabba l-maltempata li kien hemm fil-jiem li għaddew, kien hemm 'l fuq minn 40 Bus Shelter li |

ġarbet ħsara. Il-President semma li l-ħsarat għandhom jiġu konklużi fi żmien ħmistax.

**18.10.4 Reġjuni / LESA**

Il-President semma li bgħat komunikazzjoni kemm lill-Ministru kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali biex ifakkar fuq il-pendenzi li huma dovuti lir-Reġjuni.

**18.10.5 Servizz ta' towing**

Il-President semma li reġa' bgħat komunikazzjoni lill-partijiet ikkonċernati inkluż il-LESA biex juri d-diżżappunt li minkejja l-ftehim li kien sar, il-LESA kienet naqset milli tonora dan il-ftehim.

**18.10.6 Seminar ERA – Żbir ta' Siġar**

Il-President semma li wara laqgħa li kien hemm ma' rappreżentanti tal-ERA rigward iż-żbir tas-siġar, kien mifthiem program biex jitella' seminar ta' informazzjoni. Il-President semma li minkejja il-ftehim li kien sar wara irċieva komunikazzjoni bl-aġenda li din kienet lilhinn minn dak mifthiem. Għaldaqstant, il-President talab li l-Assoċjazzjoni ma kinitx ser tipparteċipa f' dan is-seminar.

Is-Sur Michel Fenech Adami semma li wara l-ħsara tal-maltempata li saret il-ġimgħa l-oħra, is-siġar fi Triq il- Wied, Birkirkara huma kollha mejtin peress li hemm l-għeruq li juru dan. Il-President semma li għandha tintbgħat korrispondenza lil ERA, il-Ministeru tal-Ambjent kif ukoll lill-Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta' biex dawn jieħdu passi qabel ma' jkun ikkawżat xi inċident.

Dr.Samuel Azzoaprdi semma wkoll li fil-Laqgħa tar-Reġjun ġie diskuss il-punt li għandu jkun hemm pjant ta' kontinġenza f' kull lokalita' f' każ li jkun hemm xi diżastru lokali/nazzjonali. Il-President semma li dan għandu jiġi kkomunikat mal-Protezzjoni Ċivili biex naraw il-possibbilita' ta' pjan ta' ħidma f' dan l-asspett.

**18.10.7 Laqgħa mal-Bicycle Advocacy Group**

Il-President semma li kellu laqgħa mal-Bicycle Advocacy Group dwar il-possibbilita' li kull lokali ikollu rotot li

jinkoraġġixxu l-użu tar-roti. Il-President issuġġerixxa li għandha tibda komunikazzjoni mar-Reġjun.

**18.10.8 EU Consultant**

L-Eżekuttiv qabel li l-President għandu jiltaqa' mad-Diretturi tal-kumpanija Maltapoint Ltd biex jiġi diskuss aktar fid-dettal dan is-suġġett u l-possibilita' li jiġi tterminat il-kuntratt eżistenti u toħroġ sejħa oħra.

## 18.11 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 18

18.11.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Mark Grech ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Frar 2019 u 28 ta' Frar 2019 li kienet tammonta għall-€110,016.55.

## 18.12 Aġġornament

18.12.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 2 t' April 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**

**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.19 li nżammet nhar it-Tlieta, 2 t' April 2019.

**Mario Fava**

**President**

Dok A

**Lianne Mifsud**

---

**From:** Mario Fava <mariofava16@gmail.com>
**Sent:** 06 March 2019 14:48
**To:** Lianne Mifsud
**Subject:** Fwd: Mandat Assocjazzjoni Kunsilli Lokali

Mario Fava
President

Local Councils' Association
E-mail: mariofava16@gmail.com
Mob: +356 9944 3381

---------- Forwarded message ---------
From: **Mario Fava** <mariofava16@gmail.com>
Date: Thu, Feb 7, 2019 at 12:45 PM
Subject: Mandat Assocjazzjoni Kunsilli Lokali
To: Bonnici Owen at MJCL <owen.bonnici@gov.mt>, Parnis Silvio at MJCL <silvio.parnis@gov.mt>, LCA <lca@lca.org.mt>, Mario Fava <mariofava16@gmail.com>

Onorevoli Ministru, Segretarju Parlamentari,

B' referenza ghar-riforma fil-Kunsilli Lokali, partikolarment l-introduzzjoni tas-sitt Regjun, kif konna tkellimna, hawn qed nibghat il-pozizzjoni ufficcjali tal-Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni.

Bhal ma tafu, l-Mandat tal-Assocjazzjoni huwa sa .Ottubru 2022 dan wara elezzjoni li saret mill-Kummissjoni Elettorali f' Ottubru 2018, fejn beda l-mandat ghal 4 snin. L-Assocjazzjoni taf li ma jstax minhabba riforma jitnaqqas mandat ta' elezzjoni mill-Kummissjoni Elettorali u dan qatt ma kien il-prassi, fl-ebda cirkostanza.

Ghaldaqstant, il-pozizzjoni tal-Assocjazzjoni hi illi jekk se jizdied is-sitt regjun, u allura jrid jinhatar President gdid ghalih, issir biss elezzjoni ghal dak ir-regjun, kif ukoll ghal membru iehor ordinarju. Dan ghaliex jekk jizdied il-President il-gdid, l-Ezekuttiv jigi pari. Jekk il-prosta tal-Gvern ser tkun li jitnaqqas il-Madat, dan l-Assocjazzjoni mhix qed taqbel mieghu u allura s-sitt regjun ikollu jigi ntrodott wara Ottubru tal-2022.

Iffisser li jekk ser tiddahhal ir-riforma illi l-President Regjonali ma jistax ikun Kunsillier, dawn ikunu jistghu jikkontestaw xorta wahda l-elezzjonijeit lokali u imbghad ajghzlu f' liema kariga jridu jservu.

Napprezza konferma ta' din il-kommunikazzjoni.

Grazzi u tislijiet,
Mario Fava
President

Local Councils' Association
E-mail: mariofava16@gmail.com
Mob: +356 9944 3381

Local Government Association

Dok B.

01/03/2019

Following the LCA Executive Committee Meeting No. 18 which was held, Thursday 28th February 2019, the Executive Committee agreed that the below items will be disposed.

| FAR Disposals 28/02/2019 | | |
|---|---|---|
| Code | Assets Description | Purchase Date |
| 17 | Low Cupboard | 1997 |
| 39 | Library Shelving | 2007 |
| 53 | Desk for main hall | 2010 |
| 136 | Medium Glass Door | 2011 |
| 139 | Medium Book Case | 2011 |
| 187 | Hanging File Cabinet | 2016 |

Thanks & Regards

Lianne Mifsud

Executive Secretary

Local Government Building,
Local Government Road,
Marsa Industrial Estate,
Marsa - MALTA.
T: +356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt